MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Numru 1013/2013

**Artikoli 49, 50, u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**BENEDETTO BONNICI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **BENEDETTO BONNICI,** ta’ 33 sena bin Joseph u Antonia xebba Farrugia, imwieled il-Pieta’ nhar it-12 ta’ Marzu, 1980 u residenti gewwa 234A, Triq Sammat, Hal Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 187880(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-2 t’Ottubru 2013 ghal habta tal-ghaxra ta’ filghaxija (22:00hrs) gewwa Triq Sammat Hal Tarxien, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe’ ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HY54YVT-W ghad-dannu ta’ Joseph Caruana u/jew persuni ohra liema valur tal-hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69).

B’hekk sar recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, stqarrija u kunsens tal-Avukat Generali

datat 14 ta’ Ottubru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta nhar it-22 ta’ Lulju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hmistax (15) ta’ Settembru 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ rega’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-hmistax (15) ta’ Settembru 2014.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jiddikjaraw illi jaqblu illi din il-Qorti ghandha taghti *conditional discharge*.

Semghet lill-imputat jiddikjara li huwa lest li jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mil-lista Joseph Caruana u dan fl-ammont ta' mitejn u ghaxar ewro (€210) kif rizultanti mid-Dokument JV1 a fol 20 tal-process u dan fi zmien sitt xhur mil-lum.

Rat illi l-vittma Joseph Caruana prezenti fl-awla ddikjara li dawn huma d-danni sofferti minnu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni titlob sabiex din il-Qorti tohrog ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Joseph Caruana ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 49, 50, 325(1)(b) u 412C tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat BENEDETTO BONNICI hati tal-akkuzi u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tliet snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan pero' tobbligah sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum ihallas lil Joseph Caruana s-somma ta' mitejn u ghaxar ewro (€210).**

**Tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tinhareg Ordni ta' Protezzjoni fuq Joseph Caruana b'dan illi qieghda tipprojbixxi u tirristringi lill-imputat milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Joseph Caruana u dan ghal**

**perjodu ta’ tliet snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 412C(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------